## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 166/2018: **GASANMAMO INSURANCE LIMITED (C3143) V. JOHANN VELLA (KI. 530578M)**

(DISTINZJONI BEJN ID-DIVERSI RELAZZJONIJIET LI JINHOLQU B'RIZULTAT TA' INCIDENT AWTOMOBILISTIKU – DIK AKWILJANA JEW DELITTWALI BEJN IL-PARTIJIET DIRETTAMENT INVOLUTI FL-INCIDENT – DIK EX-LEGE BEJN IL-PARTI LI SSOFRI D-DANNI U LI TIEHU SENTENZA KONTRA L-ASSIGURAT, U L-KUMPANIJA TAL-ASSIGURAZZJONI AI TERMINI TAL-ART. 10(1) TAL-KAP. 104 – DIK EX-CONTRACTU BEJN L-ASSIGURAT LI JIKSER IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-POLZA U L-KUMPANIJA TAS-ASSIGURAZZJONI LI TITLOB RISARCIMENT MINGHANDU TAD-DANNI EX LEGE LI TKUN SOFFRIET)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**11 ta' Lulju 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' GasanMamo Insurance Limited ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fis-16 ta' Lulju 2018 li permezz tiegħu talbet lil Johann Vella ("l-intimat") sabiex jgħid għaliex m'għandux ikun kkundannat mill-Qorti iħallasha:

> « s-somma ta' tnax-il elf mija u tmienja u erbgħin euro u ħmistax-il ċentezmu (€ 12,148.15) rappreżentanti danni, spejjeż u imgħax imħallsa mir-rikorrenti għan-nom tiegħek u dana kif kienet obbligata li tagħmel ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u dan in segwitu ta' Deċiżjoni mogħtija miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ datata 6 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet **"James Alexander Stanton -vs- Johan Vella u s-socjeta' GasanMamo Insurance Limited illi intervjeniet fil-kawża fl-14 ta' Mejju 2014 [Arbitraġġ Numru M4363/2015/SC]"** liema deċizjoni kienet tikkonċerna inċident awtomobilistiku illi seħħ fil-15 ta' Ottubru 2014 fi Triq Birkirkara, San Ġiljan meta inti Johann Vella kont qiegħed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni YEL 090 u li fir-rigward ta' liema vettura s-soċjeta' rikorrenti kienet ħarġet polza ta' assigurazzjoni bin-numru

FO116 0288506. It-termini u kundizzjonijiet ta' din il-polza tal-assigurazzjoni ma ġewx osservati da parti tiegħek stante illi fid-data tal-inċident inti użajt il-vettura su rifferita bħala arma u dan bi ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-Ittra Uffiċjali datata 27 ta' April 2018, u bl-imgħaxijiet legali mis-27 ta' April 2018 mill-lum (sic!) sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimat, li inti minn issa stess inġunt għas-subizzjoni. [1] »

wara li rat ir-risposta tal-intimat ippreżentata fil-21 ta' Awwissu 2018[2] li permezz tagħha rrisponda kif ġej:

« 1. Illi stante li l-pretensjoni tas-sorte reklamati mis-soċjeta' attriċi hi naxxenti minn sentenza mogħtija miċ-Ċentru Malti tal-Arbitragg datata 6 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet 'James Alexander Stanton -vs- Johan Vella u s-socjeta' GasanMamo Insurance Limited illi intervjeniet fil-kawza fl-14 ta' Mejju 2014 [Arbitraġġ Numru M4363/2015/SC)' tali pretensjoni għandha titressaq fi proċeduri ta' arbitraġġ skont il-ligi u mhux adita l-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

2) Illi preliminarjament l-inċident tat-traffiku mertu ta' din il-kawża ma seħħx tort tal-konvenut u dana kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

3) Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, għaliex ir-responsabbilta' għall-inċident imsemmi ma kienet bl-ebda' mod unikament u esklussivament tort tal-konvenut minħabba sewqan traskurat, u eċċessiv da parti tiegħu kif qiegħed jiġi allegat mis-Soċjeta' rikorrenti.

4) Illi l-esponent ma kiser l-ebda' polza assigurattiva u lanqas xi termini assigurattivi u dan fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni YEL 090.

5) Illi għal fini u effetti kollha tal-liġi jiġi osservat illi fl-ebda' ħin u ċioe' sal-lum il-ġurnata ma ttieħdu xi passi jew sar xi rapport lil Pulizija Eskuttiva u dan fir-rigward tal-użu tal-vettura bħala arma kif qiegħed jiġi allegat mis-Soċjeta' Rikorrenti.

6) Illi l-azzjoni hija karenti minn fundament ġuridiku hekk illi s-soċjeta' attriċi ma tistax iddur fuq l-assigurat taghha, ċioe' l-eccipjenti, u tirriklama d-danni mingħandu.

7) Salv eċċezzjonijiet oħra »

wara li semgħet ix-xhieda u/jew qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

---

[1] Fol 1
[2] Fol 7

wara li rat id-dokumenti kollha preżentati inklużi l-*affidavit*,

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li qrat in-noti ta' sottomissjonijiet finali ippreżentati għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Cynthia Galea,
- tal-intimat, mill-Avukat Dr. Joseph M. Sammut u l-Avukat Dr. Natalia Camilleri.

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Provi

1. Fl-1 ta' Novembru 2018 xehed bil-mezz tal-*affidavit*, **Malcolm Aquilina**, rappreżentant tal-kumpanija rikorrenti li jokkupa l-kariga ta' *claims adjuster*.[3] Huwa ta' rendikont tal-fatti li ppreċedew il-kawża u li wasslu sabiex ir-rikorrenti kellha tiftaħ l-istess kawża kontra l-intimat.

2. Mix-xhieda tiegħu jemerġi fost affarijiet oħra s-segwenti:

   i. **01/02/2014**: L-intimat ottjena mir-rikorrenti kopertura *third-party only* fuq il-vettura tat-tip *Landrover Defender 90* bin-numru ta' reġistrazzjoni YEL090. Din kienet valida għall-perjodu ta' sena u ċioe sal-31 ta' Jannar 2015.[4]

   ii. **15/10/2014:** F'din il-ġurnata seħħ inċident awtomobilistiku fi Triq Birkirkara, San Ġiljan, bejn il-vettura proprjetà tal-intimat u vettura oħra misjuqa minn ċertu James Alexander Stanton, kif jirriżulta mir-rapport tal-pulizija.[5] Skond ix-xhud, minn dan id-dokument jirriżulta illi kien l-intimat li kkaġuna dan l-inċident meta huwa ħabat ġol-vettura ta' Stanton **apposta** wara li kien għad kemm kellhom argument bejniethom. Skond ix-

[3] Fol 13-77
[4] Fol 18-19
[5] Fol 20

xhud mir-rapport jidher li l-intimat ammetta kollox mal-Pulizija u qal li ser jagħmel tajjeb għad-danni kkaġunati.

iii. **16/10/2014:** L-għada tal-inċident, l-intimat żar l-uffiċju tar-rikorrenti sabiex jirreġistra *claim*.[6] Fiha huwa ammetta li hu u x-xufier l-ieħor kellhom argument qabel seħħet il-ħabta u li kien jaħti huwa stess għall-inċident. Madanakollu skond ix-xhud l-intimat ma' kienx infurmahom illi hu kien ħabat ġol-vettura l-oħra apposta.

iv. **17/10/2014:** Kien l-għada li saret il-*claim* illi r-rikorrenti rċeviet ir-rapport tal-Pulizija. Skond ix-xhud dan ir-rapport indikalom illi l-inċident kien ġie ikkawżat mill-intimat b'mod volontarju.

v. **30/10/2014:** Ir-rikorrenti rċeviet *e-mail* mingħand l-avukati ta' Stanton bi proposta għal *meeting*.

vi. **05/11/2014:** Ir-rikorrenti wieġbet l-*e-mail* billi indikat illi peress li l-intimat kien kiser it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni u għaldaqstant hija ma' kienetx ser tkoprih għal dan l-inċident u għalhekk ftit kien hemm skop għal laqgħa għalkemm ħalliet il-linji tal-komunikazzjoni miftuħa.[7] Skond ix-xhud il-kundizzjoni partikolari li kien kiser l-intimat hija dik illi tidher fl-Artikolu 10 taħt is-sezzjoni *''General Exceptions''* fejn hemm indikat illi huwa eskluż mill-kopertura: "*Any liability, aċċident injury, loss or damage caused by the use of your car as a weapon with the intent to cause loss, damage or injury to any person.*"[8]

vii. **28/11/2014**: Ir-rikorrenti irċeviet ittra legali mingħand l-avukati ta' Stanton b'talba sabiex din tibgħatilhom id-dettalji personali tal-intimat li għal xi raġuni ma' kienux tniżżlu fir-rapport tal-Pulizija.[9]

---

[6] Fol 25-28
[7] Fol 29-31
[8] Kopja tal-polza annessa a fol 32-51 . Il-klawżola għaxra (10) invokata mir-rikorrenti hija dik li tinsab a fol 47
[9] Fol 52

viii. **20/02/2015:** Stanton ippreżenta ittra uffiċjali fil-Qorti kontra l-intimat u kontra r-rikorrenti (li rċevietha fis-26 ta' Marzu 2015) b'talba għar-risarċiment tad-danni likwidati fl-ammont ta' €10,052.48 (€8,572.34 fi spejjeż ta' tiswijiet, €1,116.05 spejjeż relatati mal-kiri ta' vettura alternattiva u €364.09 spejjeż mediċi inkorsi minn Stanton). Fl-istess ittra ġie indikat illi skond Stanton l-inċident kien ġie ikkawżat mill-intimat minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.[10]

ix. **17/04/2015:** Ir-rikorrenti tramite is-Sur Kristian Vella bagħtet ittra lill-avukati ta' Stanton b'risposta għall-ittra uffiċjali surreferita fejn indikatilhom illi mill-informazzjoni li kellha, l-assigurat tagħha (l-intimat) kien ikkaġuna I-inċident awtomobilistiku intenzjonalment u dana bi ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza.[11]

x. **17/04/2015:** Fl-istess ġurnata r-rikorrenti bagħtet ittra lill-intimat biex tinfurmah illi f'każ li Stanton jiftaħ proċeduri legali u hi tkun obbligata tirrisarċih ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, hija kienet qed tirriserva li żżommu responsabbli għar-rifużjoni tal-ħlasijiet effettwati minnha inkluż spejjeż u imgħaxijiet. Għalhekk hija widdbitu sabiex jieħu parir legali u sabiex jsolvi l-kwistjoni direttament mas-Sur Stanton.[12]

xi. **05/05/2015:** Stanton ippreżenta ittra uffiċjali kontra r-rikorrenti, notifikata lilha fit-8 ta' Mejju 2015, sabiex jinfurmaha bil-proċeduri fl-Arbitraġġ li kien fetaħ kontra l-intimat (Arbitraġġ Numru M4363/2015/SC).[13] Għalhekk ir-rikorrenti kienet interveniet fil-proċeduri tal-arbitraġġ in kwistjoni.

---

[10] Fol 53
[11] Fol 54
[12] Fol 55
[13] Fol 56

xii. **14/05/2015**: Ir-rikorrenti ppreżentat ittra uffiċjali kontra l-intimat, innotifikata lilu fil-21 ta' Mejju 2015, sabiex tinfurmah bil-proċeduri tal-arbitraġġ, bil-fatt illi huwa kien responsabbli għad-danni li ġew ikkawżati minnu dolożament u li għalhekk ma' kienx ser jiġi kopert mir-rikorrenti, u bil-fatt illi jekk ir-rikorrenti tiġi eventwalment ikkundannata tħallas xi danni lil Stanton din kienet ser teżerċita d-dritt ta' rivalsa fil-konfront tiegħu.[14]

xiii. **25/05/2015:** L-intimat ippreżenta ittra uffiċjali kontra r-rikorrenti, liema ittra hija rċeviet fid-29 ta' Mejju 2015.[15] Permezz tagħha l-intimat *inter alia* apparti li rribatta l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti nfurmaha illi ma' kienx vera li huwa kien ikkawża l-inċident b'mod malizzjuż u li din it-teżi qarrieqa kien ħareġ biha James Stanton.

xiv. **06/07/2016:** Ingħata l-Lodo arbitrali fl-ismijiet "*James Alexander Stanton v. Johan Vella u s-soċjeta' Gasanmamo Insurance Limited illi intervjeniet fil-kawza fl-14 ta' Mejju 2014".*[16] Fid-deċiżjoni l-Arbitru ikkundanna lill-intimat sabiex iħallas id-danni subiti minn James Stanton fl-ammont ta' €9,560.37 flimkien mal-imgħax mill-5 ta' Mejju 2015.

xv. **13/07/2016:** James Stanton bagħat ittra legali lir-rikorrenti b'talba għall-ħlas tas-somma ta' €11,630.46 rappreżentanti 9,560.37 bħala sorte, €1,103.58 bħala spejjeż legali u arbitrali, € 74.21 VAT fuq id-drittijiet legali u €909.41 bħala imgħaxijiet legali.[17]

xvi. **28/07/2016:** Ir-rikorrenti, kif kienet obbligata tagħmel skond il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, ħallset is-somma mitluba ta' €11,630.46 lil Stanton permezz ta' ċekk.[18]

---

[14] Fol 57-58
[15] Fol 59
[16] Fol 60-69
[17] Fol 70
[18] Fol 71

xvii. **27/04/2018:** Ir-rikorrenti ppreżentat ittra uffiċjali kontra l-intimat, liema ittra huwa ġie notifikat biha fis-7 ta' Mejju 2018, li permezz tagħha interpellatu sabiex iħallasha s-somma ta' €12,099.71 jew somma oħra verjuri stante illi huwa kien kiser it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni li permezz tagħha (u ai termini tal-liġi) kienet dovuta tħallas lil Stanton għad-danni subiti minnu.[19]

3. L-istess xhud imbagħad elenka l-ammont li r-rikorrenti qed titlob mingħand l-intimat u ċioe:
    i. € 11,630.46: l-ammont imħallas lil Stanton
    ii. € 585.85 spejjeż legali u ċioe:
        - € 6.99 ħlas tar-rapport tal-Pulizija[20],
        - € 63.50 spejjeż tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Mejju 2015[21]
        - € 63.50 spejjeż tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' April 2018[22]
        - € 451.86 rappreżentanti drittijiet legali tal-avukati tar-rikorrenti in konnessjoni mal-arbitraġġ[23]

4. Ix-xhud jagħlaq l-*affidavit* tiegħu bis-segwenti kliem:

> « Għalhekk, is-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited qieghda tippretendi r-rimbors totali tal-arnmont ta' tnax -il elf mija u tmienja u erbgħin Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€12,148.15) rappreżentanti ħlas lil terzi, kif ukoll spejjeż legali u spejjeż anċillari in konnessjoni mal-każ odjern. Oltre l-ammont surriferita, GasanMamo Insurance Limited qiegħda wkoll tippretendi rimbors fl-ammont ta' tlieta u sittin Euro u ħamsin ċenteżmu (€63.50) u dana in konnessjoni mal-Ittra Uffiċjali mibgħuta lill-konvenut Johann Vella fis-27 ta' April 2018 u dana oltre l-imgħax legali dovut mill-konvenut Vella. »

5. Fil-31 ta' Jannar 2019 xehed **<u>PS 1320 Sean Axiaq</u>**. Dan esebixxa r-rapport tal-inċident in kwistjoni (Dok SA1), liema rapport kien ġie esebit ukoll mill-kumpanija

[19] Fol 72-73
[20] Fol 74
[21] Fol 75
[22] Fol 76
[23] Fol 77

rikorrenti tramite x-xhud tagħha Malcolm Aquilina. Ix-xhud spjega illi r-rapport ma' kienx sar minnu iżda sar minn ex-PS 928 Ramon Mifsud (illum sospiż mill-Korp) li kien hu li nvestiga l-istess inċident. Però x-xhud kien preżenti ukoll fuq il-post tal-inċident. Filwaqt li PS 1320 għal iżjed minn darba wera li ma' tantx baqa' jiftakar x'kien ġara eżattament huwa qal illi jekk ma' kienx sejjer żbaljat l-intimat kien ammetta magħhom li huwa kien daħal apposta fil-vettura ta' Stanton.

6. Fis-27 ta' Mejju 2019 xehed l-intimat **Johann Vella**. Dan spjega illi l-vettura ta' Stanton oriġinalment kienet ipparkjata quddiem il-*garage* tiegħu fi Triq Ballut, San Ġiljan, u li hu kellu jċempel lill-Pulizija sabiex ineħħuha. Wara xi sagħtejn u nofs tfaċċa Stanton u saq il-vettura 'l hemm, però mhux qabel ma' kien hemm battibekk bil-kliem bejniethom. L-intimat ħareġ il-vettura u mar biha fid-direzzjoni ta' San Ġwann u ġie wara l-vettura misjuqa minn Stanton. Fid-daqqa u l-ħin filwaqt li kien fi Triq Birkirkara, San Ġiljan, ħarġet vettura misjuqa minn terz minn *side street* quddiem Stanton u dan waqaf f'daqqa bil-konsegwenza li l-intimat baqa' dieħel fih minn wara. L-intimat insista li huwa kien għaddej b'veloċita ta' ċirka 45 km/h. Qal illi Stanton ħareġ għalih bir-rabja u li però l-istorja waqfet hemm u sussegwentement ġew il-Pulizija sabiex jieħdu l-verżjoni tas-sewwieqa u sabiex it-triq tkun tista' terġa tinfetaħ għat-traffiku.

7. L-intimat xehed ukoll illi huwa ta l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija u li qallhom li ser jmur jiftaħ *claim* għaliex kien tort tiegħu. Huwa spjega li mar għand ir-rikorrenti u li din ma' qaltlu assolutament xejn u lanqas baghtitlu *surveyor*. Qal illi fil-proċeduri tal-Arbitraġġ imkien ma' ntqal illi huwa kkawża l-inċident għal tal-apposta. Ikkonferma illi huwa kien tela għall-proċeduri tal-Arbitraġġ.

8. In kontroeżami fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2020, l-intimat **Johann Vella** xehed *inter alia* illi huwa kellu miegħu bħala xhud fil-vettura lil ċertu Yamen Kalaf li kien ukoll miegħu meta Stanton kien ġie jneħħi l-vettura tiegħu minn quddiem il-*garage* ta' Vella. Huwa kkonferma kif seħħ l-inċident u qal li kien għaddejn bit-30-35 km/h fis-siegħa. Ix-xhud qal illi meta Stanton ħareġ b'rabja għalih mill-vettura, wara li seħħet il-kolliżjoni, l-istess Stanton kien aggredih fiżikament. Huwa mbuttah lura però nnega illi huwa kien ikkawżalu xi ġrieħi jew li kien aggredih. Mistoqsi għala meta rċieva r-rapport tal-Pulizija huwa ma' kienx issenjala l-fatt illi ma' kienx minnu li huwa ammetta li kkawża l-inċident b'mod malizzjuż, l-intimat wieġeb li xi ħadd

mill-kumpanija tal-assigurazzjoni kien qallu li ma' kellux bżonn jagħmel dan u li kienu ser jieħdu ħsieb huma. Skond l-intimat dan seħħ meta mar biex jiftaħ il-*claim*. Huwa insista illi meta lill-Pulizija qallhom li l-inċident kien tort tiegħu dan kien għaliex kien jaf li skond il-liġi meta sseħħ ħabta bħal dik li kienet seħħet, ta' wara għandu t-tort.

9. Fis-27 ta' Mejju 2019 xehed **Yamen Kalaf** li dak il-ħin tal-inċident huwa kien passiġġier mal-intimat u kienu sejrin jixtru. Meta seħħ l-inċident Stanton ħareġ mill-vettura, beda jgħajjar lill-intimat u aggredixxa lix-xhud fiżikament billi rifsu f'żaqqu b'saqajh.

10. In kontroeżami fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021, l-istess **Yamen Kalaf** xehed illi filfatt Stanton kien taħ daqqa b'saqajh fil-parti privata tiegħu. Mistoqsi għala ma' kienx ta' l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija dan qal illi ħadd ma' kien talbu għall-verżjoni tiegħu.

11. Fid-9 ta' Marzu 2020 xehed **Andrea Bondin**, rappreżentant tar-rikorrenti, illi kkonferma illi r-rikorrenti applikat l-*exclusion clause* imsemmija għaliex dehrilha li l-vettura kienet effettivament intużat bħala arma mill-intimat fl-inċident in kwistjoni.

**Dokumenti rilevanti**

12. Fil-**Motor Accident Report Claim Form**[24] l-intimat iddikjara illi

> « kellna argument ghax hu kien ipparkjat quddiem il-garage tieghi. jien cempilt lil pulizija u peres li dam hafna ma gie kienu gejjin jittowjawh u kif gie hdejn il-karozza beda jkellimni hazin u qabad jaghti. Kif telaq u telqu il-pulizzija, hrigt il-karozza min gol-garage ghax kont sejjer nixtri. qasam wiehed min quddiemu u ghal din ir-raguni, hu waqaf f'daqqa. jien ghafast il-break u ma ilhaqtx waqaft.»

13. Fir-**rapport tal-Pulizija** ippreżentat kemm minn Malcolm Aquilina u kif ukoll minn PS 1320, hemm indikat *inter alia* illi:

---

[24] Fol 25-28

i. Skond Stanton: « i was driving my vehicle in b'kara road and the other vehicle for no reason at all rammed my vehicle from the rear part »

ii. Stanton sofra ġrieħi ħfief f'wiċċu liema ġrieħi però kienu *"pending certification"*.

iii. L-intimat ma' sofra l-ebda ġrieħi

iv. Il-vettura ta' Stanton sofriet ħsarat fuq il-*back bumper, boot* u *right tail-light*. Il-vettura tal-intimat ma' sofriet l-ebda ħsarat.

v. Il-kundizzjoni tat-triq kienet waħda tajba u fil-ħin tal-inċident kienet niexfa.

vi. Taħt it-titolu "*Description for Insurance Purposes*" hemm indikat *inter alia* illi "*James Alexander stated that the Land Rover driver rammed him on purpose after an argument re parking in front of a garage ... Same James sustained slight injuries after the driver of the landrover assaulted him. The driver of the Land Rover Johan Vella admitted allegations and is going to make good for the damages he caused. James Alexander requested no court action against Vella as long as he make good for the damages he sustained in his vehicle."*

vii. Iktar 'l isfel taħt it-titolu "*Action Taken"* hemm indikat *inter alia* illi "*report was collected today 16/10/2014 by Johann Vella for his insurance"* u li *"report was collected today 29/04/2015 by Gasan Mamo Insurance"*.

14. Fil-**polza tal-assigurazzjoni** in kwistjoni hemm indikat taħt *Section 10 – General Exceptions* illi:

« Your policy does not cover the following:

10. Any liability, accident, injury, loss or damage caused by the use of your car as a weapon with the intent to cause loss, damage or injury to any person. »

15. Fil-**lodo arbitrali** hemm indikat *inter alia* illi « l-intimat mhux qed jikkontesta r-responsabilta' ghall-inċident de quo w l-kontestazzjoni tieghu hija limitata biss ghall-quantum tad-

danni ». Meta xehed James Stanton dan fl-ebda stadju m'għamel riferenza għal kif seħħ l-inċident jew għal x'ġara eżattament bejnu u bejn l-intimat wara li seħħ l-inċident. L-intimat ma' xehedx u x-xhieda kollha kienet filfatt tirrigwarda l-kwantum u mhux r-responsabiltà għall-inċident.

**Eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat**

*Il-kompetenza o meno tal-Qorti tal-Maġistrati*

16. L-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimat hija dik illi:

> « stante li l-pretensjoni tas-sorte reklamati mis-soċjeta' attriċi hi naxxenti minn sentenza mogħtija miċ-Ċentru Malti tal-Arbitragg datata 6 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet 'James Alexander Stanton -vs- Johan Vella u s-socjeta' GasanMamo Insurance Limited illi intervjeniet fil-kawza fl-14 ta' Mejju 2014 [Arbitraġġ Numru M4363/2015/SC)' tali pretensjoni għandha titressaq fi proċeduri ta' arbitraġġ skont il-ligi u mhux adita l-Qorti tal-Maġistrati (Malta).»

17. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-intimat ma sottomettiex fuq din l-eċċezzjoni u l-Qorti tħoss illi għamel sew f'dan ir-rigward stante illi fil-verità din m'għandha l-ebda mertu legali. Din il-kawża hija azzjoni mibnija fuq danni *ex-contractu* wara li skond r-rikorrenti l-intimat kiser kundizzjoni tal-polza tal-assigurazzjoni. Għalhekk hija distinta mill-azzjoni li nfetħet fl-Arbitraġġ mit-terz li sofra d-danni kontra l-intimat peress illi hemmhekk id-danni reklamati kienu dovuti *ex-delicto*.

18. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet: **<u>Hugh P. Zammit noe v. John Mifsud et.</u>** (App Ċiv. Nru. 2256/1998/1, deċiż 01/04/2005) fejn intqal hekk:

> « Jidher car li l-appellant qieghed jibbaza dan l-ewwel aggravju tieghu fuq il-konsiderazzjoni li l-azzjoni tas-socjeta` assiguratrici hija wahda ta' rizarciment ta' danni hekk msejha akwiljani. Madanakollu, l-azzjoni attrici fil-verita` ma tikkoncernax danni akwiljani izda danni kontrattwali. L-azzjoni attrici hija bazata fuq inadempjenza kontrattwali in kwantu l-assigurat, cioe` l-appellant, naqas li josserva l-obbligi imposti fuqu bhala kundizzjoni tal-hrug tal-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni. Dan in-nuqqas jidderiva mill-fatt li l-appellant ippermetta lil huh, cioe` lill-imsemmi George Mifsud, isuq il-vettura assigurata mis-socjeta` attrici meta dan George Mifsud ma kellux l-eta` rikjesta fl-istess polza u b'hekk meta sar l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, il-polza ta' l-assigurazzjoni ma kienitx tkoprih. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fil-kaz in

ezami, il-konvenut John Mifsud, bhala proprjetarju u assigurat, assuma l-obbligu li ma jhallix lil huh George jsuq il-vettura tieghu qabel ma dan jaghlaq il-wiehed u ghoxrin (21) sena. Irrizulta li l-appellant naqas josserva dan l-obbligu, u ghalhekk sar responsabbli ghar-rizarciment ta' dawk il-flejjes kollha li s-socjeta` assigurattrici appellata kienet obbligata li thallas lit-terza persuna msemmija fl-incident awtomobilistiku, kollox ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk ir-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjeta` attrici mhuwiex bazat fuq rizarciment ta' danni akwiljani. izda huwa bazat fuq in-nuqqas ta' l-appellant li josserva debitament il-kuntratt ta' assigurazzjoni li kien jezisti bejnu u bejn is-socjeta` appellata. »

19. Fir-Raba' Skeda (Art 1.2) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta hemm provdut is-segwenti dwar l-Arbitraġġ Mandatarju:

*« Arbitraġġ Mandatorju.*

*It-tilwimiet hawn iżjed 'l isfel imsemmija fit-Taqsima A għandhom jiġu determinati b'arbitraġġ u għandhom jittieħdu f'arbitraġġ taħt ir-regoli msemmija fit-Taqsima B b'żieda ma' dawk ir-regoli li jistgħu jiġu maħruġa miċ-ċentru minn żmien għal żmien...*

1.2 Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur

Kull tilwima ċivili jew kummerċjali, li ma tkunx waħda li jkollha x'taqsam ma' talba għal danni għal ħsara fil-persuna, li tkun tilwima li toriġina minn:

(a) kolliżjoni bejn vetturi, jew
(b) ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew
(ċ) talba bħal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratriċi fuq il-ħajja, underwriter approvat mill- Ministru responsabbli għat-trasport jew persuna oħra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta'Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u
(d) li l-valur tagħha ma jkunx jeċċedi l-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) »

20. It-tilwima bejn it-terz Stanton u l-intimat u dik bejn l-istess terz u l-kumpanija rikorrenti kienu jaqgħu taħt il-parametri tal-Arbitraġġ Mandatarju u għalhekk ġustament kienu jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva taċ-Ċentru Malti Għall-Arbitraġġ. Mhux l-istess jista' jingħad però għal kawża, bħala ma' hi din, dwar talba

għal risarċiment ta' danni kuntrattwali li oriġinalment jkunu tħallsu minn kumpanija tal-assigurazzjoni abbażi ta' lodo arbitrali. Kif sew qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza appena ċitata:

> « Ghalkemm huwa veru li din il-kawza ma kienitx tigi fis-sehh li kieku ma sehhx l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, madankollu wiehed ghandu jiddistingwi bejn id-diversi relazzjonijiet li nholqu bhala rizultat ta' l-istess incident awtomobilistiku. Fl-ewwel lok hemm ir-relazzjoni bejn George Mifsud u Emanuel Cardona **(żieda tal-Qorti: f'din il-kawża bejn James Alexander Stanton u Johann Vella)**, relazzjoni li hija bazata fuq htija akwiljana jew delittwali. Fit-tieni lok hemm ir-relazzjoni bejn Cardona u s-socjeta` appellata **(żieda tal-Qorti: f'din il-kawża bejn James Alexander Stanton u GasanMamo Insurance Limited)**, liema relazzjoni tohrog ex lege, cioe` tohrog mill-Artikolu 10 ta' l-imsemmi Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Fit-tielet lok, imbaghad, hemm ir-relazzjoni li qeghda tigi ezaminata f'din il-kawza, cioe` r-relazzjoni bejn is-socjeta` assigurattrici appellata u l-assigurat taghha, cioe` l-appellanti, **(żieda tal-Qorti: f'din il-kawża bejn Johann Vella u GasanMamo Insurance Limited)** liema relazzjoni hi evidentement bazata fuq inadempjenza kontrattwali da parti ta' l-istess appellanti. »

21. Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

*L-intimat ma' kellux tort tal-inċident*

22. Din l-eċċezzjoni ukoll qed tiġi miċħuda peress illi kif diġa ingħad din il-kawża hija għal risarċiment tad-danni li sofriet il-kumpanija tal-assigurazzjoni wara li kellha tħallas lit-terz wara deċiżjoni arbitrali u dan ai termini tal-Art. 10 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Din id-deċiżjoni hija waħda *res judicata* u għalhekk il-kwistjoni ta' min kellu t-tort – f'dan il-każ l-intimat innifsu – ġiet determinata b'mod definittiv.

*Ir-responsabbiltà' ma' kienetx tal-intimat peress li dan ma' kienx qed isuq b'mod traskurat*

23. It-tielet eċċezzjoni tal-intimat hija fis-sens illi:

> « ir-responsabbilta' għall-inċident imsemmi ma kienet bl-ebda' mod unikament u esklussivament tort tal-konvenut minħabba sewqan traskurat, u eċċessiv da parti tiegħu kif qiegħed jiġi allegat mis-Soċjeta' rikorrenti. »

24. Għall-istess raġunijiet diġa mogħtija, din l-eċċezzjoni m'għandiex mis-sewwa u filfatt fil-lodo arbitrali, liema lodo kien magħruf għall-intimat qabel ma' dan ressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu, hemm indikat b'mod ċar illi: « l-intimat Johan Vella jahti unikament ghall-incident tat-traffiku illi sehh nhar il-15 ta' Ottubru 2014 »

25. Din l-eċċezzjoni għalhekk qed tiġi ukoll skartata.

*L-esponent ma kiser l-ebda' polza assigurattiva u l-Pulizija qatt ma' ħadet passi kontra l-intimat*

26. Ir-raba' eċċezzjoni hija dik illi:

> « l-esponent ma kiser l-ebda' polza assigurattiva u lanqas xi termini assigurattivi u dan fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni YEL 090 »

27. Relatata magħha hemm ukoll il-ħames eċċezzjoni illi:

> « fl-ebda' ħin u ċioe' sal-lum il-ġurnata ma ttieħdu xi passi jew sar xi rapport lil Pulizija Eskuttiva u dan fir-rigward tal-użu tal-vettura bħala arma kif qiegħed jiġi allegat mis-Soċjeta' Rikorrent »

28. Kif diġa intwera aktar 'l fuq, fil-polza tal-assigurazzjoni li ħolqot ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, hemm indikat b'mod ċar illi l-polza ma' kienetx tkopri danni kkawżati mill-użu tal-vettura bħala arma bl-intenzjoni li jiġu kkawżati telf, danni jew ġrieħi lil xi persuna. Ir-rikorrenti dehrilha wara li kienet rċeviet ir-rapport tal-Pulizija illi r-rikorrent effettivament kien ammetta illi huwa kien daħal fil-vettura ta' Stanton għal tal-apposta wara li kien għad kemm kellhom battibekk bejniethom. Għalhekk fil-fehma tagħha l-intimat kien uża l-vettura bħala arma bi skop li jweġġa jew jagħmel ħsara lil terz. L-intimat jiċħad kategorikament illi huwa għamel dan bi skop u jgħid li meta ammetta mal-Pulizija hu kien qed jammetti t-tort u mhux li daħal fil-vettura ta' Stanton għal tal-apposta.

29. Fid-dawl ta' dawn iż-żewġ verżjonijiet kontrastanti, il-każ jirriduċi ruħu f'wieħed ta' kredibilta' u versomiljanza tagħhom. Fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia</u>** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 24/11/1966) intqal illi:

> « Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk

tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti. »

30. Mill-provi rriżulta li l-vettura tat-terz kienet ipparkjata illegalment quddiem il-garage tal-intimat u li huwa ma setax joħroġ minħabba fih. Huwa talab l-assistenza tal-pulizija iżda peress li n-*number plate* tal-vettura kien wieħed barrani James Stanton ma' setax jiġi rintraċċjat. Wara xi tlett sieghat jistenna fl-aħħar tfaċċa l-imsemmi Stanton u saq il-karozza tiegħu 'l hemm. Skont l-intimat (xhieda mogħtija fis-7 ta' Ottubru 2019) Stanton kien pjuttost arroganti u qallu li huwa kien jiġi jaqa' u jqum għax il-karozza kienet reġistrata l-Ingilterra u ħadd ma' seta' jtiħ ċitazzjoni. Ftit minuti wara li telaq, telaq ukoll l-intimat bil-vettura tiegħu u l-inċident awtomobilistiku seħħ fil-viċinanzi. Il-verżjoni tal-intimat hija li l-inċident seħħ b'kumbinazzjoni peress illi ħarġet vettura minn *side-street* quddiem il-vettura ta' Stanton li kienet quddiemu u dan ibbrejkja f' daqqa b'konsegwenza li l-intimat ma laħaqx ibbrejkja fil-ħin peress illi skond hu l-vettura tiegħu, Land Rover, ma' tirrispondiex daqshekk malajr. Skond l-intimat m'huwiex veru illi huwa daħal fih apposta u li huwa ma' aggredix lix-xufier iżda kien dan tal-aħħar li aggredixxa lilu. Tal-istess portata kienet ix-xhieda tax-xhud l-ieħor Yamen Kalaf li xehed ukoll illi huwa ġie ukoll attakkat mit-terz. Inoltre, kif diġa intqal meta l-għada tal-inċident l-intimat mar jiftaħ *claim* mar-rikorrenti huwa semma li kellu argument mat-terz qabel l-inċident però għalkemm ammetta t-tort huwa ma' semmiex li l-inċident kien seħħ b'mod volontarju.

31. F' dawn il-proċeduri Stanton ma xehedx u għalhekk l-aqwa prova li l-Qorti tista' tistrieħ fuqha biex tqabbilha mal-verżjoni tal-intimat hija r-rapport tal-pulizija u x-xhieda tal-pulizija PS 1320 Sean Axiaq li xehed fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2019.

32. Filwaqt li ma' jistax jingħad li matul ix-xhieda tiegħu PS 1320 kien emfatiku fid-diskors tiegħu (stante illi fi kliemu l-inċident kien seħħ snin qabel u hu ma' setax jiftakar kollox) madanakollu dan ftit jew wisq ikkonferma dak li kien hemm miktub fir-rapport peress illi huwa **aċċeda fuq il-post tal-inċident.** Ir-rapport isemmi b'mod ċar erba' fatturi importanti: (i) li t-terz ġie aggredit mill-intimat u sofra ġrieħi ħfief f'wiċċu (ii) li t-terz stqarr illi l-intimat daħal fih apposta peress li kien għad kemm

kellhom argument, li (iii) l-intimat **ammetta l-allegazzjonijiet** u obbliga ruħu li jagħmel tajjeb għad-danni, u li (iv) it-terz iddikjara li kien lest ma' jinsistix li jittieħdu proċeduri kontra l-intimat diment li dan jħallas id-danni.

33. L-intimat xehed illi huwa ma' kienx talab korrezzjoni tar-rapport għaliex meta mar għand ir-rikorrenti xi ħadd infurmah li huwa kellu jħalli f'idejhom. Ix-xhud tar-rikorrenti innega dan u anzi qal illi meta mar jirreġistra l-*claim* l-intimat ma' semma xejn (filfatt dan huwa kkorroborat mill-*claim form* innifisha) u kien biss l-għada meta huma rċevew ir-rapport tal-Pulizija illi huma ġew a konoxxenza tal-allegazzjoni illi l-intimat kien ikkawża l-inċident minn rajh.

34. Il-Qorti bla tlaqliq ma' ssibx il-verżjoni tal-intimat bħala kredibbli u dan għal iżjed inn raġuni waħda:

   i. Fil-verżjoni tiegħu mogħtija *a tempo vergine* lill-Pulizija huwa ma' semmiex li kienet għadha kemm ħarġet vettura minn *side-street* u li l-inċident ġie kkawżat indirettament minħabba dik il-manuvra. Lanqas ma' semma li hu jew il-passiġġier tiegħu ġew aggrediti mit-terz;

   ii. Fir-rapport imkien ma' jissemma Yamen Kalaf, il-persuna li allegatament kien passiġġier miegħu, u filfatt ma' ttieħdetx il-verżjoni tiegħu. Il-Qorti tqis bħala ferm inverosimili illi l-Pulizija ma' jieħdux il-verżjoni tal-persuni kollha li kienu xhieda okulari tal-inċident. Huwa ferm suspettuż kif l-preżenza ta' xhud allegatament passiġġier fil-vettura tal-intimat ma' ġietx rrapportata lil pulizija u li l-anqas biss ma' kien hemm riferenza għalih fil-proċeduri tal-Arbitraġġ iżjed u iżjed meta allegatament dan ix-xhud kien ġie aggredit mit-terz. Kien biss snin wara li seħħ l-incident wara li ttiehed azzjoni ghad-danni mir-rikorrenti li tfaċċa dan ix-xhud.

   iii. Hija ukoll inverosimili l-allegazzjoni tal-intimat li huwa kien infurma lill-kumpanija tal-assigurazzjoni bl-"iżball" li kien hemm fir-rapport (ċioe illi ma' kienx veru illi huwa qatt ammetta li kien ikkawża l-inċident għal tal-apposta) u li ħaddiem tagħha qallu biex iħalli f'idejhom. Anzi l-Qorti tista addirittura tiskarta din l-allegazzjoni bħala waħda li tant hija mġebbda u li ma tagħmilx sens li ma' tistax ħlief tkun waħda inveritiera u qarrieqa. Dan jingħad ukoll

għaliex li kieku verament kien il-każ kif allegat mill-intimat, meta imbagħad ftit xhur wara irċieva ittra mingħand ir-rikorrenti bit-twissija tagħha illi huwa kien kiser il-kundizzjonijiet tal-polza, kien ikun mistenni minnu (jew tal-inqas kien ikun mistenni minn persuna dotata b’intelliġenza raġjonevoli) illi jsemmi dan il-fatt daqstant lampanti (u importanti għalih) lir-rikorrenti. Filfatt fir-risposta tiegħu għal dik l-ittra u għall-ittra uffiċjali li ġiet ippreżentata sussegwentement kontrih l-unika difiża li ppreżenta l-intimat kienet dik illi ma’ kienx minnu illi huwa kien ikkawża dan l-inċident bi skop.

iv. Inoltre tal-inqas minn dak l-istadju illi l-intimat ippreżenta l-ittra uffiċjali kontra l-intimata (25/05/2015) huwa kien diġa ottjena parir legali fir-rigward tal-inċident u huwa mistenni għalhekk illi li kieku verament huwa ma’ kienx ikkawża l-inċident għal tal-apposta (u li ma’ kien ikkawża l-ebda ġrieħi jew aggredixxa lit-terz) kienu jittieħdu passi f’dan ir-rigward sabiex ir-rapport tal-Pulizija jiġi aġġornat jew ikkjarifikat.

v. L-istess huwa mistenni minn persuna innoċenti u li tħossha illi tkun ġiet ngannata illi tal-inqas mal-ewwel ċans li jkollha sabiex tiċċara s-sitwazzjoni u kif jgħidu fl-Ingliż *to put the record straight*, hija taħtaf l-opportunita’ sabiex tagħmel hekk. Minflok, fil-proċeduri tal-arbitraġġ l-intimat baqa’ sieket u ma’ lissen l-ebda kelma f’dan ir-rigward.

vi. Jagħmel ħafna iżjed sens dak li ġie rrapportat mill-Pulizija fir-rapport tagħha u ċioe illi l-intimat kien għadu fi stat ta’ rabja wara li kellu l-*garage* imblukkat mit-terz, u li dan daħal fil-vettura tat-terz bi tpattija u/jew sabiex ibeżżgħu. Jagħmel ukoll sens illi sussegwentement l-intimat kien baqa’ rrabjat tant illi ħebb għat-terz u kkawżalu ġrieħi ħfief.

35. Qed jiġi kkunsidrat għalhekk li fuq bażi ta’ bilanċ ta’ probabilitajiet l-intimat verament daħal fil-vettura tat-terz Stanton b’rabja ftit minuti wara li dan ta’ l-aħħar kien involut f’battibekk miegħu u li l-kumpanija rikorrenti kienet tabilħaqq korretta meta ddeċidiet li tinvoka l-*“General Exception*” taħt l-Artikolu 10 peress illi l-intimat kien kiser il-kundizzjoni in kwistjoni. Ir-raba’ eċċezzjoni għalhekk qed tiġi miċħudha.

36. Fir-rigward tal-ħames eċċezzjoni, ċioe dik illi l-Pulizija ma' ħadu l-ebda azzjoni kriminali fil-konfront tal-intimat fir-rigward ta' kif uża l-vettura tiegħu, għalkemm huwa minnu illi l-Pulizija għanda poteri *ex-officio* li tressaq persuna l-Qorti u tixlih b'sewqan traskurat, bla kont jew perikoluż, madanakollu l-fatt li m'għamlitx dan m'huwiex minnu nfusu prova li l-intimat ma' wettaqx dak li ġie allegat. Apparti mill-fatt illi huwa prinċipju legali (li huwa ukoll misjub fil-liġi) illi l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra, ħareġ ukoll mill-provi illi t-terz kien iddikjara mal-Pulizija li huwa ma' kienx qed jinsisti fuq li jittieħdu proċeduri kontra l-intimat diment li dan iżomm il-kelma tiegħu li jħallsu tad-danni li sofra. Din hija xi ħaġa li t-terz seta' jagħmel peress illi l-ġrieħi li allegatament sofra kienu ta' natura ħafifa. Għalhekk il-Pulizija Eżekuttiva jidher li użat id-diskrezzjoni tagħha sabiex ma' tipproċedix kontra l-intimat (għalkemm setgħat tagħmel dan tal-inqas fir-rigward tas-sewqan allegatament traskurat jew perikoluż tal-intimat) u din id-deċiżjoni bla dubbju setgħet tittieħed fid-dawl tal-fatt illi l-uniku xhud tagħha, it-terz, ma' kienx ser ikollu interess li jixhed wara dak li kien iddikjara. Fi kwalunkwe każ, anke kieku għall-grazzja tal-argument ġew istitwiti proċeduri kriminali kontra l-intimat u dan ġie liberat minnhom (li ma kienx il-każ għaliex proċeduri kriminali kontrih qatt ma ttieħdu] dan il-fatt ma kienx ifisser li l-intimat kien ikun eżonerat minn danni ta' natura ċivili kemm il-darba dawn jirriżultaw. Din l-eccezzjoni qedha ghalhekk tiġi ukoll miċħuda.

*In-nuqqas ta' fundament ġuridiku tal-azzjoni tar-rikorrenti*

37. Fis-sitt eċċezzjoni tiegħu l-intimat jgħid illi:

> « l-azzjoni hija karenti minn fundament ġuridiku hekk illi s-soċjeta' attriċi ma tistax iddur fuq l-assigurat taghha, ċioe' l-eccipjenti, u tirriklama d-danni mingħandu »

38. Kif diġa ingħad, il-kumpanija rikorrenti kellha kull dritt illi teżiġi d-danni kuntrattwali mill-intimat b'konsegwenza tal-ksur tal-kundizzjoni tal-polza. Ai termini tal-Art. 10(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta:

> « 10.(1) Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjonitaħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza,tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-

disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta'flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu. »

39. Huma biss f'dawk il-każijiet elenkati fl-Art. 10(2) u (3) illi l-kumpanija tal-assigurazzjoni tkun intitolata tirrifjuta li tħallas lit-terz wara li dan ikun ottjena sentenza fil-konfront tal-assigurat. L-ebda minn dak l-eċċezzjonijiet ma' japplikaw għall-kawża odjerna u għalhekk ir-rikorrenti **kienet tenuta** *ex-lege* li tħallas lit-terz l-ammont mitlub minnu li ġie kanonizzat mill-tribunal tal-arbitraġġ.

40. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-intimat argumenta illi r-rikorrenti ma' kienetx obbligata tħallas u filfatt ma' kelliex tħallas lit-terz għaliex skond hu s-sentenza kontra tiegħu ma' kienetx **"dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1)"** peress illi r-rikorrenti kienet qed tallega li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza mill-intimat. Dan l-argument però ma' jgħoddx għaliex l-istess artikolu jispeċifika illi l-obbligu tal-kumpanija li tħallas lil terz jibqa' jgħodd **"għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza".**

41. Lanqas ma' jista' jitqies l-argument illi r-rikorrent ma' kienetx obbligata li tagħmel tajjeb għaliex il-lodo tal-arbitraġġ inħareġ kontra l-intimat u mhux kontra r-rikorrenti. Sottomissjoni bħal din tinjora kompletament dak li tgħid il-liġi fl-Artikolu 10(1) tal-Kap. 104 u m'hijiex denja ta' kunsiderazzjoni.

**Il-kwantum tad-danni**

42. Fix-xhieda ta' Malcolm Aquilina, rappreżentant tar-rikorrenti, ingħad illi:

« is-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited qieghda tippretendi r-rimbors totali tal-arnmont ta' tnax -il elf mija u tmienja u erbgħin Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€12,148.15) rappreżentanti ħlas lil terzi, kif ukoll spejjeż legali u spejjeż anċillari in konnessjoni mal-każ odjern. Oltre l-ammont surriferita, GasanMamo Insurance Limited qiegħda wkoll tippretendi rimbors fl-ammont ta' tlieta u sittin Euro u ħamsin ċenteżmu (€63.50) u dana in konnessjoni mal-Ittra Uffiċjali mibgħuta lill-konvenut Johann Vella fis-27 ta' April 2018 u dana oltre l-imgħax legali dovut mill-konvenut Vella.»

43. It-talba tar-rikorrenti però hija għas-somma totali ta' € 12,148.15 u għaldaqstant ma' tista' qatt teċċedi dak l-ammont. Fi kwalunkwe każ l-ammont "addizzjonali" ta' €63.50 in konnessjoni mal-ittra uffiċjali tas-27 ta' April 2018 jidher li diġa kien ikkunsidrat mill-istess xhud fil-kalkoli tiegħu tas-somma li qed tintalab mir-rikorrenti. Filfatt f'dan ir-rigward huwa xehed illi l-ammont dovut kien jikkonsisti:
    i. Fis-somma ta' € 11,630.46 li huwa l-ammont li ġie imħallas lil Stanton, u
    ii. Fis-somma ta' € 585.85 spejjeż legali u ċioe:
        - € 6.99 ħlas tar-rapport tal-Pulizija[25],
        - € 63.50 spejjeż tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Mejju 2015[26]
        - € 63.50 spejjeż tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' April 2018[27]
        - € 451.86 rappreżentanti drittijiet legali tal-avukati tar-rikorrenti in konnessjoni mal-arbitraġġ[28]

44. Dawn iż-żewġ ammonti magħduda flimkien jagħmlu total ta' € 12,216.31 li huwa iżjed mill-ammont ta' € 12,148.15 mitlub fir-rikors promotur. Inoltre l-Qorti tara li l-ammont tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' April 2018 (€63.50 inkluż il-VAT fuq id-drittijiet legali) strettament ma' kellux jagħmel parti mis-sorte iżda jirrappreżenta parti mill-ispejjeż ġudizzjarji in konnessjoni ma' din il-kawża li bħala tali għandhom jingħataw b'mod separat. Filfatt ir-rikorrenti stess għamlet talba f'dan is-sens fir-rikors promotur tagħha. Iżda anke jekk tneħħi l-ammont ta' €63.50 mill-ammont ta' €585.85 rappreżentanti spejjeż legali, is-somma totali (€12,152.81) xorta tiġi ftit iżjed minn dik mitluba.

45. Il-Qorti għalhekk sejra tikkwantifika d-danni kuntrattwali dovuti lir-rikorrenti fis-somma sħiħa mitluba ta' €12,148.15.

46. Fir-rigward tal-imgħaxijiet dawn għandhom ikunu dovuti mill-mument illi ġiet ippreżentata kontra l-intimat l-ittra uffiċjali tas-27 ta' April 2018.

---

[25] Fol 74
[26] Fol 75
[27] Fol 76
[28] Fol 77

**Deċiżjoni**

47. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fis-sens illi tikkundanna lill-intimat jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tnax-il elf mija u tmienja u erbgħin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€ 12,148.15) rappreżentanti danni, spejjeż u imgħax fil-biċċa kbira minnhom imħallsa mir-rikorrenti lit-terz ai termini tal-Art. 10(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan wara li l-intimat kiser waħda mill-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni, bl-ispejjeż kif mitluba u bl-imgħax legali dekoribbli mis-27 ta' April 2018 sad-data tal-pagament effettiv.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur